MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Numru 62/2000

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
JOHN SCIRIHA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Sciriha ta' 29 sena, bin John Joseph u Isabel nee Robertson, imwieled l-Ingilterra fil-5 ta' Gunju 1970 u joqghod Block 4, House 1, Qasam tad-Djar (San Patrizju) Pembroke, limiti ta' San Giljan ID No 141093M talli fit-13 ta' Novembru 1999, ghal habta tas-2.30am gewwa Triq Wilga, Paceville, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe kisser windscreen ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GXC 191 ghad-dannu ta' Gerald Xuereb, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess jum, hin, lok cirksotanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, billi tefa fliexkun tal-hgieg fid-direzzjoni ta' vettura GXC 191 u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel akkuza limitatament ghall-hsara involontarja u ammetta wkoll ghat-tieni akkuza ta' theddid.

Rat il-fatt illi l-imputa hallas l-pendenzi li kellu mal-kwerelanti Xuereb fil-mori tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza limitatament ghall-hsara involontarja u hati tat-tieni akkuza u wara li rat Art 328(d), 339(1)(b) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.